

**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000075/2016**

**lill-Kummissjoni**

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

**Antonio Tajani, Othmar Karas, Krišjānis Kariņš, Daniel Caspary**

f'isem il-Grupp PPE

**Patrizia Toia, Maria Grapini, Dan Nica**

f'isem il-Grupp S&D

**Reinhard Bütikofer**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Michael Theurer**

f'isem il-Grupp ALDE

**Kay Swinburne**

f'isem il-Grupp ECR

Suġġett: Id-diplomazija ekonomika tal-UE

L-aġenda tal-President tal-Kummissjoni Juncker tippreżenta, fost l-aqwa għaxar prijoritajiet tagħha, il-bżonn li l-"UE [għandha] tkun attur globali aktar b'saħħtu". Konformi ma' dan l-għan, l-UE għandha tkompli tippromwovi l-kompetittività u rwol ewlieni tagħha f'setturi strateġiċi bħall-industrija u l-enerġija fil-livell globali. F'dan il-kuntest, l-isfidi importanti għandhom jiġu indirizzati sabiex l-ekonomija tal-UE tibqa' kompetittiva fuq skala globali. Dawn jinkludu, *inter alia*, domanda dejjem akbar għall-enerġija u l-materja prima kritika li ġeja minn riżorsi skarsi, li tqajjem problemi potenzjali fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista u s-sostenibbiltà.

Barra minn hekk, hemm potenzjal enormi mhux sfruttat għall-ekonomija tal-UE fis-swieq emerġenti ta' pajjiżi terzi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni diġà żviluppat għodod ta' suċċess, bħall-"Missjonijiet għat-Tkabbir", li saru f'madwar 30 reġjun u pajjiż, u wrew li huma utli ħafna biex jiffaċilitaw lill-kumpaniji tal-UE, partikolarment lill-SMEs, biex jespandu l-attivitajiet tagħhom f'pajjiżi terzi.

It-titjib ta' dawn l-għodod għad-diplomazija ekonomika fil-livell tal-Unjoni jista' jkun kruċjali għall-isforzi biex jindirizzaw l-isfidi u l-opportunitajiet fil-livell globali. Il-Kummissjoni tqis li tiżviluppa dawn l-għodod relatati mad-diplomazija fis-settur ekonomiku u kummerċjali u, jekk iva, liema inizjattivi għandha intenzjoni li tiegħu l-Kummissjoni biex tilħaq dan l-għan?

Imressqa: 2.5.2016

Mgħoddija: 4.5.2016

L-iskadenza għat-tweġiba: 11.5.2016